

# MISTER FISHERMAN

## IL-PASSJONI GĦAS-SAJD

Hekk kif l-istaġun tas-sajf jinsab lura magħna, ħafna jibdew jersqu aktar lejn il-baħar. B'differenza minn pajjiżi oħrajn, f'Malta m'għandniex għalfejn nivvjaġġaw sigħat twal biex naslu ħdejn il-baħar, għax prattikament kulħadd joqgħod qrib il-baħar. Hawn min ifittex il-baħar biex jirrilassa u jiekol xi kisra ħobż biż-żejt mal-familja, oħrajn l-għaxqa tagħhom jgħumu u oħrajn ma jibdlu ma' xejn dak il-ħin għall-kwiet bil-qasba f'idhom jistadu fil-baħar nadif li jdawwarna.

Il-programm Mister Fisherman, kif jixhed ismu, huwa programm dwar is-sajd għall-familja kollha. Huwa rrikmandat għall-etajiet kollha speċjalment għat-tfal billi jista' joffri mod ġdid kif wieħed jista' jiddeverti 'l bogħod mill-ġenn u l-istorbju tal-postijiet hekk imsejħa tad-divertiment u 'l bogħod ukoll mill-perikli kollha li ż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom magħhom ta' kuljum.

Is-sajd għandu t-teknika tiegħu. Kif jgħid il-Malti, il-ħobż agħtih lil min jaf jieklu u dan il-programm huwa mmexxi minn bniedem li fix-xandir nistgħu nsejħulu awtorità f'dan il-qasam: Josef Camilleri minn Mister Fish. Josef jurina kemm hawn tipi ta' sajd differenti u tipi differenti ta' lixka apposta għal ħut differenti. Il-programm mhux immirat biss għal min hu dilettant tas-sajd iżda għall-familja kollha. Dan minħabba li fih naraw it-teknika tas-sajd imħaddma mhux biss minn nies professjonali iżda anke mid-dilettanti. Naraw x'differenza hemm bejn is-sajd minn fuq l-art għal dak minn fuq xi opra tal-baħar u allura tingħata ħarsa wkoll lejn il-bċejjeċ tal-baħar li normalment insibu f'pajjiżna, kif tittieħed kura tagħhom u kif titħares is-sigurtà fuq il-baħar.



F'din is-seba' sena tal-programm, Josef se jerġa' jwassal lit-telespettaturi Maltin u Għawdxin varjetà ta' sajdiet differenti, kemm minn Malta kif ukoll barra mix-xtut tagħna. U meta nżuru xi pajjiż bogħod minna, insegwu wkoll il-kultura ta' dak il-pajjiż. Din is-sena ser insegwu parti mill-programm li se tkun tirrigwarda l-irkotta u kif il-mara tad-dar tista' faċilment tippreparaha hi stess.

Dan mhux programm biss għal dawk li ma tantx huma midħla tas-sajd. Anke s-sajjieda Maltin u Għawdxin, professjonali jew dilettanti, se jkollhom iċ-ċans li jsegwu sajjieda oħrajn bħalhom minn pajjiżi barranin biex jaraw kemm hemm differenza minn pajjiż għall-ieħor fis-sengħa tagħhom.

Waħda mill-isbaħ esperjenzi hija meta se nżuru l-Eġittu u naqbdu varjetà kbira ta' ħut. Inżuru wkoll l-Ingilterra b'sajdiet differenti, biex naraw x'teknika differenti jużaw hemmhekk għall-Ħut li jsibu max-xtut tagħhom.

Barra minn hekk, se nsegwu wkoll personaġġi famużi fil-qasam tas-sajd li ġew jistadu f'pajjiżna.

Mister Fisherman se jixxandar fuq Net Television kull nhar ta' Ħamis fit-20.30 matul ix-xhur sajfin. Il-programm għandu produzzjoni ta' Hermann Bonaci Productions flimkien ma' Josef Camilleri li jmexxi l-programm.

Ir-repetizzjonijiet ta' Mister Fisherman jintwerew nhar ta' Ġimgħa fil-23.30 u nhar ta' Ħadd fil-17.00.